**19 ta' Ottubru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Avukat Dr. Lawrence Pullicino

*versus*

Kap Kmandat tal-Forzi Armati *noe et*

**Appell – Nullità – Żball – Nota – Rikors – Korrezzjoni**

*Kwistjoni dwar nullità ta' appell. Ir-rikors ta' l-appell kien ġie korrett billi l-kelma "nota" fl-intestatura kienet ġiet sostitwita bil-kelma "rikors" mingħajr ma ġiet ottenuta l-awtorizzazzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti. Il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullità u ordnat il-korrezzjoni.*

*Vjolazzjoni tal-forma simili twassal għan-nullità ta' l-att jekk dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet preġudizzju lill-parti li titlob in-nullità. B'dan il-każ l-ebda preġudizzju ma kien ġie soffert mill-parti avversarja. Inoltre żball simili seta' jiġi fi kwalsiasi każ korrett u l-Qorti hekk ordnat.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors Kostituzzjonali Numru 190/88 ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih ir-rikorrent fisser:

Illi r-rikorrent ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta akkużat talli fid-29 u t-30 ta' Lulju 1980, fid-Depot tal-Pulizija, Furjana, filwaqt li Leonard *sive* Nardu Debono minn Ħal-Kirkop kien qiegħed jinżamm taħt il-kustodja tal-pulizija in konnessjoni ma' invetigazzjoni, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-imsemmi Leonard *sive* Nardu Debono f'perikolu ċar, ikkaġunalu l-mewt kif ukoll talli f'Marzu 1984, fix-xiehda li ta fil-proċeduri kriminali fil-proċess Repubblika *vs* Ċensu Debono deċiż fit-22 ta' Marzu 1984 ta xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġett għal piena akbar mill-piena ta' proċedura għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna akkużata, ċjoè Vincent *sive* Ċensu Debono, b'dan illi l-persuna akkużata ġiet ikkundannata għal piena akbar mill-piena tal-priġunerija għal żmien ħames snin, kif ukoll talli fl-istess imsemmija proċeduri kriminali fil-proċess Repubblika *vs* Vincent *sive* Ċensu Debono kkorrompa xhieda sabiex jagħtu xiehda falza jew jagħmlu perizja

falza jew jagħtu tifsir falz, kif ukoll talli fil-perijodu Lulju/Awissu 1980 ma ħalliex lil persuni oħra jagħtu t-tagħrif jew provi meħtieġa f'kawża ċivili jew kriminali jew lil xi awtorità oħra kompetenti quddiemha u li huwa sar ħati ta' dawn ir-reati, meta bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, huwa kellu minħabba l-kariga tiegħu jissorvelja biex ma jsirux jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku dolożament bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, għamel jew naqas li jagħmel atti b'tagħkis jew bi ħsara ta' ħaddieħor u wara dan baqa' miżmum taħt arrest;

Illi wara li ġie hekk imressaq, l-esponent talab b'rikors opportun il-libertà provviżorja fit-termini tal-liġi u dana b'rikors tal-25 ta' Novembru 1987, li ġie miċħud mill-fuq imsemmija Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija ta' Malta b'digriet tagħha tat-2 ta' Diċembru 1987;

Illi b'rikors sussegwenti tat-13 ta' Jannar 1988, ir-rikorrent reġa' talab li jingħata l-libertà provviżorja mill-fuq imsemmija Onorabbli Qorti u dan ir-rikors tiegħu reġa' ġie wkoll miċħud b'digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tal-21 ta' Jannar 1988;

Illi b'digriet tal-15 ta' Frar 1988 irriservat li tipprovdi dwar l-ennesima talba għal-libertà provviżorja wara li tkun ġiet addita u ppronunzjat ruħha dina l-Onorabbli Qorti;

Illi sal-lum ir-rikorrenti għadu detenut taħt arrest sakemm jispiċċaw il-proċeduri kriminali pendenti kontra tiegħu;

Illi dan l-istat ta' arrest huwa leżiv tad-drittijiet kostituzzjonali u b'mod partikolari ta' dawk id-drittijiet

fundamentali protetti tal-bniedem l-Att XIV ta' l-1987. Id-drittijiet tar-rikorrent li qegħdin jiġu leżi huma dawk protetti mill-artikolu 5 subinċiż (1)(ċ), mill-artikolu 5 subinċiż (3) u mill-artikolu 6 subinċiż (1) *tal-fuq imsemmi* Att;

Illi l-leżjoni ta' dawn id-drittijiet tikkonsisti filli:

1) Il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, bir-rispett kollu lejha, malament ċaħdet ir-rikorsi pprezentati *mir-rikorrent* għal-libertà provviżorja, kif ukoll meta naqset li tirriferixxi l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif kien *l-obbligu ċar fil-liġi* li tagħmel dik l-Onorabbli Qorti;

2) In kwantu l-Kodiċi Kriminali jista' jingħad li ma jippermettix, l-għoti tal-libertà provviżorja f'ċirkostanzi bħall-preżenti, allura dan jilledi d-dritt ta' l-imputat għar-"*release pending trial*";

3) Illi l-esponent kien intitolat għall-għoti tal-libertà provviżorja skond il-Kodiċi Kriminali billi r-reat ta' liema hu jinsab akkużat fiċ-ċirkostanzi tal-każ qatt ma jistgħu jwasslu għal dik il-piena li dwarha l-Kodiċi jipprojbixxi l-għoti tal-libertà provviżorja, u dan in forza tal-Proklama tad-29 ta' Jannar 1987; F'dan ir-rigward l-esponent jagħmel ampja u pjena riferenza għan-noti eżawrjenti li saru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja. Iżid però li fejn tidħol il-libertà ta' l-individwu huwa assjomatiku fil-liġi li l-interpretazzjoni li għandha tingħata hi dik l-iżjed favorevoli għal-libertà sakemm ma jsirx strapp għal kelma tal-liġi. L-esponent jissottometti bir-rispett li l-interpretazzjoni korretta hija li hu kien intitolat għal-libertà provviżorja taħt il-Kodiċi Kriminali billi r-reat ta' liema kien

akkużat, minħabba l-Proklama mogħtija, ma setax jattira dik il-piena li kienet tirrendi mhux permessibbli lill-Qorti li *tikkonċedilu tali libertà. Għalhekk l-interpretazzjoni* li *tat* il-Qorti llediet id-dritt tiegħu għal-libertà provviżorja;

Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Onorabbli Qorti ġie leż ukoll id-dritt tiegħu proċedurali li l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu jiġi riferit għal quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Dan id-dritt tiegħu joħroġ mill-proċedura preskritta fil-preċitat Att. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja f'każ ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali hi li tara jekk l-allegazzjoni hix frivola jew vessatorja, u fil-każ li m'hix, li tirreferi l-każ lil din l-Onorabbli Qorti. Bir-rispett kollu jidher li l-Qorti tal-Maġistrati dan ma għamlitux, u b'hekk illediet id-dritt tar-rikorrent li l-każ jiġi rriferit lil dina l-Onorabbli Qorti;

Barra minn hekk skond l-artikolu 5(1)(ċ) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV, l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tista' biss issir *sabiex dik il-persuna tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali* kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkomettiet reat. Meta wieħed jaqra dan ma' l-artikolu 5(3) ta' l-iskeda joħroġ ċar li l-imputat għandu dritt għal-libertà provviżorja waqt il-pendenza tal-proċeduri kriminali. Dan huwa dritt fundamentali tiegħu li hu konness mill-qrib mad-dritt l-ieħor ta' presunzjoni ta' innoċenza. Għalhekk l-unika restrizzjoni li tista' ssir lill-imputat dment li jkun għadu ma nstabx ħati, hija dik neċessarja biex tassikura li hu jidher il-Qorti u xejn iżjed. F'dan is-sens iċ-ċaħda tat-talba tiegħu għal-libertà provviżorja hija inkostituzzjonali, anke *billi l-ġudikant qiegħed iħares biss lejn ir-reat mil-liema* r-rikorrent jinsab akkużat u mhux lejn dawk il-garanziji neċessarji biex jassiguraw li l-akkużat jidher il-Qorti;

4) Jiżdied ukoll li in kwantu l-President tar-Repubblika hu awtorizzat jagħti hu l-libertà provviżorja lir-rikorrent dan jilledi dritt fundamentali ieħor tiegħu, billi l-President ikollu jaġixxi fuq il-parir ta' l-esekuttiv u għalhekk la huwa u l-anqas jista' jkun tribunal imparzjali u indipendenti li jrid l-artikolu 6 ta' l-ewwel skeda, għaliex fil-fatt ikun iddeċieda l-esekuttiv;

(5) Illi l-leżjoni fil-konfront tar-rikorrent hija aggravata bil-fatt tal-kontinwat arrest tar-rikorrent wara l-għeluq tat-termini kif prorogati mill-President tar-Repubblika, u dan minħabba l-pendenza tad-domandi rogatorjali mill-Prosekuzzjoni. Jiżdied ukoll li tali rogatorji tkompli taggrava l-posizzjoni tar-rikorrent;

Għaldaqstant l-esponent fil waqt li jġib il-permess għal konjizzjoni ta' dika l-Onorabbli Qorti jitlob bir-rispett li dik il-Qorti, in vista tal-preċitati artikoli ta' l-Att XIV ta' l-1987, jogħġobha tagħtih dawk ir-rimedji u tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi relattivi għall-każ inkluż dikjarazzjoni li l-artikolu 574 u 575 tal-Kodiċi Kriminali huma nulli in kwantu ma jippermettux lill-Qorti ġudikanti tagħti l-libertà provviżorja lir-rikorrent fil-fattispecie speċifiċi tal-każ;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju 1988, li biha dik il-Qorti qatgħet u ddeċidiet li għandha tirrespinġi t-talba tar-rikorrent, iżda l-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, l-aktar tan-novità tiegħu, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, u dana wara li:

*Omissis;*

Rat l-appell ta' l-istess Avukat Dr. Lawrence Pullicino LL.D., ippreżentat fis-27 ta' Lulju 1988 li bih għar-raġunijiet

hemm esposti talab li dina l-Qorti tirriforma l-preċitata sentenza tal-15 ta' Lulju 1988 fil-kawża fl-ismijiet premessi billi fil-waqt li tikkonfermaha inkwantu dik is-sentenza lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju lill-Kap Kmandat tal-Forzi Armati bħala Kummissarju tal-Pulizija u l-Viċi Prim Ministru bħala Ministru ta' l-Intern, tirrevokaha fil-kumplament u b'hekk tiddeċidi għat-tenur *tat-talbiet tar-rikorrent kif kontenuti fir-rikors* tiegħu promotorju ta' dan il-ġudizzju bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru ppreżentata fid-9 ta' Settembru 1988;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 1988 li minnu *jirriżulta li l-kawża tħalliet għad-deċiżjoni fuq il-punt tan-nullità* ta' l-appell issollevat mill-appellat l-Onorevoli Prim Ministru;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-imsemmi punt;

Ikkunsidrat:

L-intimat appellat l-Onorevoli Prim Ministru qiegħed jeċċepixxi preliminarjament fir-risposta tiegħu ta' l-appell li l-appell hu null għax jidher li sar b'nota u mhux b'rikors u għalkemm jidher li saret korrezzjoni, din ma tidhirx fuq l-oriġinal tar-rikors li ġiet awtorizzata skond il-liġi;

Iċ-ċirkostanzi relattivi għall-imsemmi dokument li jinsab a fol. 196 tal-proċess jirriżultaw mid-deposizzjoni mogħtija quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 1988 mill-

Professur Ian Refalo, wieħed mid-difensuri ta' l-appellant. Skond din id-deposizzjoni, l-imsemmi dokument kien ġie ppreparat minnu. Huwa kien il-Qorti u l-P.L. Edgar Montanaro attiralu l-attenzjoni li d-dokument kien intestat bħala "Nota" ta' l-appell. Huwa qallu: "Għamlet żball it-*typist*, dak rikors". Dak il-ħin stess il-Prokuratur Legali kiteb quddiemu l-kelma "Rikors" wara li kkanċella l-kelma "nota", u huwa stess ċjoè l-Professur Refalo inizjala l-kelma "Rikors". Il-Professur Refalo mbagħad ħalla f'idejn il-Prokuratur Legali l-preżentata tad-dokument. Jista' jiżdied li eżami tad-dokument juri li l-kelma "Nota" ġiet ikkanċellata u fuqha hemm miktuba bil-linka l-kelma "Rikors", u ħdejn din il-kelma hemm inizjali illi l-Qorti tifhem li għandhom jinqraw bħala "IR";

Ikkunsidrat:

L-artikolu 184(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 Ediz. Riv. 1984) jiddisponi *inter alia* li r-Reġistratur għandu jirrifjuta li jirċevi skrittura li tkun tikser biċ-ċar id-disposizzjoni ta' l-artikolu 174, 176 u 178. L-artikolu 176 imbagħad jiddisponi fis-subartikolu (1) li "L-iskritturi għandhom ikunu stampati, miktuba bit-*typewriter* jew miktuba bil-linka; iżda f'kull każ għandhom jinkitbu b'karattri ċari u leġġibbli faċilment, mingħajr spazji vojta, kliem interlineari, abbrevjazzjonijiet jew tħassir, u, ħlief bl-awtorità miktuba tar-Reġistratur, mingħajr korrezzjonijiet, tibdil jew żidiet";

Huwa evidenti mill-imsemmija żewġ disposizzjonijiet tal-liġi li r-Reġistratur kellu l-obbligu li jirrifjuta li jirċevi d-dokument in kwistjoni billi dan ma kellux il-korrezzjoni fuq imsemmija awtorizzata. Dik il-korrezzjoni setgħet tiġi awtorizzata minnu iżda fil-fatt ma ġietx u għalhekk ir-Reġistratur kien imissu rrifjuta

l-preżentata tad-dokument. Fil-fatt però d-dokument ġie ppreżentat u aċċettat u llum jinsab quddiem il-Qorti;

Ikkunsidrat:

L-appellat qed jissottometti li l-appell hu null billi l-korrezzjoni ma ġietx awtorizzata skond il-liġi;

Il-kwistjoni ssollevata tidher li għandha tiġi rregolata bl-artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizzajoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12, Ediz. Riv. 1984) li jiddisponi *inter alia* li "l-eċċezzjoni ta' nullità ta' l-atti ġudizzjarji tista' tingħata:

(a) Jekk in-nullità hija ddikjarat mil-liġi espressament;

(b) Jekk l-att ikun maħruġ minn Qorti inkompetenti;

(ċ) Jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi wkoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba din il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat....";

Fl-ebda parti tad-disposizzjonijiet relattivi ma jingħad espressament illi għaliex att ġie ppreżentat u aċċettat meta kellu difett fil-forma (kif bħal f'dan il-każ) allura dak l-att ikun null. L-artikolu 789(1)(a) għalhekk mhux applikabbli f'dan il-każ u jidher li hu applikabbli l-artikolu 789(1)(ċ) li jikkontempla n-nullità ta' att ġudizzjarju meta fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi wkoll jekk mhux taħt piena ta' nullità. *Fil-każ preżenti kien hemm fid-dokument in kwistjoni vjolazzjoni* tal-forma meħtieġa mil-liġi billi, kif ingħad fuq, il-korrezzjoni

ma kinitx ġiet awtorizzata mir-Reġistratur;

Issa fl-imsemmi artikolu 789(1)(ċ), wara li jingħad li l-eċċezzjoni ta' nullità ta' l-attijiet ġudizzjarji *tista' tingħata* jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, jingħad ukoll: "kemm-il darba din il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat";

Issa minn eżami ta' l-atti tal-proċess jidher *ictu oculi* li l-vjolazzjoni tal-forma fil-każ preżenti ma ġiebet l-ebda preġudizzju lill-appellat. Infatti dik il-vjolazzjoni ma fixklet bl-ebda mod lill-appellat milli jagħmel *risposta dettaljata fil-mertu* fejn irriġetta l-lanjanzi ta' l-appellant u għar-raġunijiet minnu mogħtija talab li l-appell jiġi respint. L-appellat seta' jinduna, u induna, mill-korp kollu tad-dokument, u b'mod speċjali mill-aħħar paragrafu tiegħu, li dak li kien qed jiġi ppreżentat kien rikors għar-riforma *tas-sentenza* appellata u fil-fatt, kif ingħad fir-risposta tiegħu, ikkontesta għar-raġunijiet minnu esposti, l-ilmenti miġjuba 'l quddiem mill-appellant;

Fid-dawl ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tarax li tista' taċċetta l-eċċezzjoni tan-nullità ssollevata mill-intimat Onorevoli Prim Ministru u tara li hemm lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 175(2) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12, Ediz. Riv. 1984) li jawtorizza lill-Qorti tat-tieni istanza li tikkorreġi żball *inter alia* fir-rikors li bih ikun tressaq l-appell, u fil-fatt se jingħata wkoll il-provvediment infraskritt;

Fl-aħħarnett il-Qorti hi tal-fehma li billi l-inċident in kwistjoni ġie pprovokat mill-appellant, hemm lok għal

temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimat l-Onorevoli Prim Ministru li l-appell hu null u tordna li a kura tar-Reġistratur id-dokument in kwistjoni (fol. 196) ippreżentat mill-appellant fis-27 ta' Lulju 1988 *jiġi korrett fl-ewwel paġna tiegħu billi l-kelma "Nota" (ġà* interlineata), il-kelma "Rikors" bil-linka fuq il-kelma "Nota" u l-inizjali "IR" jiġu kollha kkanċellati skond il-liġi u sostitwiti bil-kelma "Rikors". L-ispejjeż relattivi għad-deċiżjoni ta' din l-eċċezzjoni għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.